# Żewġ dokumenti marbuta mal-ventartal tal-fidda tal-artal ta' Sant'Anna

Kan. Dun Jonathan Farrugia



Min jidħol fil-Bażilka tal-Isla fil-granet tal-festa tat-twelid tal-Madonna żgur li jibqa' skantat bl-ammont ta' rikkezzi esibiti. Fost dawn żgur li jispikkaw ħafna l-ventaltari tal-fidda li jintramaw quddiem l-altari kollha tal-knisja. Dawn waħedhom ukoll juru fl-imgħoddi n-nies ta' din il-belt kemm kienu lesti u jifilħu joħorġu flus biex isebbħu l-knisja tagħhom għall-jum li hu l-aktar għal qalbhom.

Ix-xogħol fuq dawn il-ventartali beda ftit wara nofs is-seklu dsatax. L-ewwel wieħed li sar kien dak tal-altar maġġur, li llum jintuża fuq l-altar bażilikali; iżżanżan fl-1864 u sar mill-argentiera Busuttil. Mas-snin komplew isiru. L-aħħar wieħed li sar, wara t-Tieni Gwerra Dinjija, kien dak tar-Redentur, li għadu sal-lum jintrama fl-Oratorju tal-Kurċifiss. Wieħed mill-aħħar artali li sarilhom il-ventartal tal-fidda kien dak ta' Sant'Anna, li fuqu għandu l-pittura tal-Assunzjoni tal-Madonna b'Sant'Anna u San Karlu Borromeo fin-naħa t'isfel. Illum dan l-altar jinsab fil-kappellun tad-Duluri, imma fil-knisja li nqerdet bil-gwerra kien jinsab fil-kappellun tal-Madonna tal-Karità. Illum se nagħtu ħarsa ħafifa lejn dan.



Ventaltar tal-fidda li sar barra minn Malta fl-aħħar snin tas-seklu dsatax fuq disinn tas-Senglean Mastru Mikiel Degiovanni.

Fil-bidu tas-seklu 20 il-prokuratur ta' dan l-artal kien Dun Luigi Pio Borg, li kien jinsab ferm dispjaċut li kważi l-altari l-oħra kollha tal-knisja kellhom ventartal tal-fidda u tiegħu kien għadu b'xejn. B'hekk fit-13 ta' Diċembru 1900 hu għamel rikors lill-arċisqof Pietru Pace biex juża l-flus li kien idaħħal mill-amministrazzjoni tal-altar biex bihom jagħmel ventaltar lussuż għal dan l-altar. Ir-rikors kien jgħid hekk:



A Sua Eccell. Rev.ma Mons. P. Pace LD.
Arcivescovo di Rodi e Vescovo di Malta.
etc. etc. etc.

Umile ricorso del Sac. D. Luigi Pio Borg procurat. del V. Altare di S. Anna nella S. Chiesa Collegg. della Città Senglea.

Espone riverentemente,

Che già insin da due anni egli sta facendo delle contribuzioni onde fare un paliotto d'argento per ornamento e decoro del suddetto Altare, il quale, eccezionalmente quasi, a tutti gli altri Altari si trova ancora privo.

Che i fedeli ben volentieri corrisposero al suo appello e già una discreta somma si trova raccolta.

Che però la somma contribuita e da contribuirsi non è nè sarà sufficiente a coprire la somma richiesta.

Che l'amministrazione di detto V. Altare si trova in grado di contribuire nel corso di alcuni anni la somma di Lire sterline Ottanta.

Quindi il ricorrente fa umile istanza, perchè gli sia concesso di sborsarne detta somma applicandola nella su menzionata opera.

E della grazia etc.

Senglea 13 Dicemb. 1900.

Devotmo ed Umo servo e figlio
Sac. Luigi Pio Borg

Ir-rikors ta' Dun Luigi Pio Borg.

*"Lill-Eċċellenza Tiegħu Reverendissima Mons. P. Pace D.D., Arċisqof ta' Rodi u Isqof ta' Mata eċċ. eċċ. eċċ.*
*Rikors umli tas-saċerdot Dun Luigi Pio Borg, prokuratur tal-venerabbli Altar ta' Sant'Anna fil-Knisja Kolleġġjata tal-belt Senglea.*
*Jesponi bir-rispett:*
*Li diġà ilu sentejn jiġbor l-offerti biex minnhom jagħmel ventartal tal-fidda biex ikun ta' tiżjin u ġieħ għall-altar imsemmi hawn fuq, li hu kważi l-uniku wieħed fost l-altari tal-knisja li m'għandux.*
*Li l-parruċċani bil-qalb qed jagħtu l-offerti tagħhom ma' kull appell li jagħmel u diġà nġabret somma żgħira.*
*Li iżda s-somma li nġabret u li għad trid tinġabar b'dawn il-mezzi mhix se tkun biżżejjed biex tintlaħaq is-somma mitluba.*
*Li l-amministrazzjoni ta' dan il-venerabbli altar tista' toffri, fuq firxa ta' ftit snin, is-somma ta' tmenin lira sterlina.*
*Għalhekk ir-rikorrent jitlob umilment li jingħatalu l-permess biex jieħu l-flus minn din l-amministrazzjoni u joffriha għal din il-biċċa xogħol imsemmija.*
*U tal-grazzja eċċ.*
*Senglea, 13 ta' Diċembru 1900*
*Iben u qaddej umli u devotissimu tiegħek*
*Dun Luigi Borg"*

Flimkien mal-istess rikors insibu ittra ffirmata mill-arċipriet Dun Ġużepp Tagliaferro li fiha jafferma kull ma jgħid Dun Luigi fir-rikors tiegħu u juri l-approvazzjoni


Eccellenza Reverendissima.
Ricorre all'Eccellenza Vostra Revma il Sac. Luigi Pio Borg Procuratore del Ven. Altare di S. Anna eretto nella S. Ins. Colleg. e Parle Chiesa della Città Senglea pregandola autorizzarlo ad prendere la somma di Lire ottanta dall'amministrazione di detto Altare per la formazione di un paliotto d'argento per ornamento dello stesso Altare.
È vero che è vivo desiderio dei fedeli di vedere detto Altare del più presto possibile ornato di tale paliotto, e già a tale effetto si sono iniziate delle contribuzioni, e già si trova raccolta una discreta somma. —
È pure vero che l'amministrazione di detto Altare è in istato di poter contribuire nel corso di alcuni anni la predetta somma di Lire ottanta.
Attese queste circostanze, sono in dovere di sottomettere all'Eccellenza Vostra Revma, che il procuratore possa esser esaudito nella sua domanda, rimettendomi però al Savio Giudizio dell'Ecclza Vostra Revma.
Baciandole il Sacro Anello, imploro genuflesso la Pastorale Benedizione.
Dell'Ecclza Vostra Revma
Senglea
18 Gennaio 1901.
Ubbmo Devmo Servo e Suddito
Gius. Tagliaferro
Arciprete e Parroco

L-approvazzjoni tal-Arċipriet Dun Ġużepp Tagliaferro.

tiegħu waqt li jwiegħed li jżomm mal-parir li jogħġbu jagħti l-arċisqof. Din in-nota ġġib id-data tat-18 ta' Jannar 1901.

Fuq dawn insibu notamenti magħmula mill-uffiċjali tal-Kurja li jgħidu li r-rikors kien ippreżentat fil-21 ta' Jannar 1901 u li l-permess mixtieq ingħata fit-23 ta' Marzu ta' dik l-istess sena.

Mill-kitba tar-rikors nitgħallmu xi affarijiet żgħar li huma ta' ċertu interess:

- minn hawn nifhmu li l-proġett tal-ventaltari tal-fidda għall-knisja kollha kien għoddu wasal fi tmiemu ladarba Borg isemmi li l-altar li kien jieħu ħsieb hu kien kważi l-uniku wieħed li ma kienx mogħni b'ventaltar tal-fidda;
- nifhmu wkoll li hu kien diġà ilu minn tal-inqas sentejn, allura mill-1898, li jagħmel din il-biċċa xogħol, ladarba fil-bidu tar-rikors jikteb li kien diġà ilu dan iż-żmien jiġbor il-flus mingħand in-nies li, skont kliemu, kienu favur din l-opra ladabra kienu jagħtu l-flus bil-qalb;
- nifhmu wkoll, iżda, li l-offerti ma kinux qed ikunu kbar daqs kemm xtaqhom ikunu Dun Luigi, għax mis-somom li għamel fehem li jekk jibqa' jiġbor il-flus b'dik ir-rata ma kien se jasal qatt li jiġbor kemm kien hemm bżonn;
- tajjeb ninnotaw li r-rikors hu biex ikun jista' jieħu l-flus tal-amministrazzjoni, mhux biex jagħmel il-ventartal. Ladarba f'dan ir-rikors ma jagħmilx referenza għal xi rikors ieħor li kien aċċettat mill-arċisqof biex isir il-ventartal, nifhmu li ma kienx sar rikors simili. Dan kien żmien li fih il-kelma tal-arċipriet kienet biżżejjed biex isiru ċerti opri fil-knisja, basta jkun hemm il-finanzi neċessarji għalihom. F'dan il-każ partikolari finanzi ma kienx hemm, u l-flus riedu jittieħdu minn għajn oħra, u kien għalhekk li r-rikors kellu jsir.

Minn hawn toħroġ il-mistoqsija: mela kemm kellu jiswa' dan il-ventaltar? La fir-rikors u lanqas fl-approvazzjoni tal-arċipriet ma jissemma l-prezz. Ladarba, iżda, hu jitlob li jkun jista' jieħu £80 mill-kaxxa tal-amministrazzjoni tal-istess artal, nistgħu ngħidu li xi ftit jew wisq daqshekk kellu jiswa, probabbilment xi ftit aktar ladarba dawn kellu jżidhom mal-flus li kien ilu jiġbor matul is-sentejn ta' qabel. Il-flus tal-amministrazzjoni kienu jidħlu mill-ħlas tal-legati li kienu tħallew marbutin ma' dak l-artal fis-snin ta' qabel. Mid-dħul ta' dawn il-legati kienu jitħallsu s-saċerdoti biex iqaddsu l-quddies mitlubin u kien jibqa' xi ħaġa żejda wkoll. Kien minn dawn li hu talab li jieħu dawn it-£80.

Jekk nagħtu daqqa t'għajn lejn id-dati li jidhru fuq dawn id-dokumenti naraw li għaddew aktar minn tliet xhur minn meta Borg għamel ir-rikors għal meta l-Arċisqof, fil-fatt, tah il-permess biex jieħu l-flus tal-amministrazzjoni. Din kienet ħaġa xi ftit jew wisq mhux

tas-soltu għax ġeneralment meta kien jingħata permess dan kien jingħata ftit granet wara li jintalab. Dan jurina li kien hemm xi intopp jew xi irregolarità mdaħħla.

Id-data tal-approvazzjoni tal-arċipriet Tagliaferro tista' titfagħlna xi ftit dawl fuq x'setgħet kienet din l-irregolarità. L-approvazzjoni tiegħu saret aktar minn xahar wara li Borg għamel rikors, nhar it-18 ta' Jannar 1901. Dan ifisser li Borg kien għamel ir-rikors u bagħtu l-Kurja bla ma kien informa lill-arċipriet. Min-naħa tal-Kurja dehrilhom li l-arċipriet kellu jkun infurmat u kellu jagħti l-approvazzjoni tiegħu biex xi ħaġa hekk issir, u allura bagħtulu r-rikors ta' Borg biex jaraw hu x'jaħseb. Tagliaferro jaqrah u jwieġeb lura fuq in-naħa ta' wara tal-karta li fuqha kien miktub ir-rikors li hu ma sab l-ebda oġġezzjoni. Tlett ijiem wara dan reġa' kien ippreżentat fil-Kurja, u l-permess ħareġ xahrejn wara.

Ir-raġuni għala kellha ssir l-approvazzjoni min-naħa tal-arċipriet kienet probabbilment minħabba li, minkejja li kull altar kellu l-prokuratur tiegħu, il-fondi kienu fl-aħħar mill-aħħar fir-responsabbiltà tal-arċipriet u ħadd minn dawn il-prokuraturi ma kellu l-awtorità jiddisponi minnhom kif irid.

Kien x'kien il-każ, il-permess ingħata ftit ġimgħat wara, il-flus ittieħdu u minnhom tħallas il-ventartal. Meta żżanżan sewwasew ma nafux, imma ladarba fir-rikors Dun Luigi jgħid li bil-ġbir ma kienx se jilħaq is-somma meħtieġa jfisser li hu diġà kellu stima, u allura anke disinn u ftehim ma' xi arġentier.

Ladarba l-ventartal tal-altar maġġur dam sena biex sar (1863-1864), nifhmu li dan ma kellux jieħu wisq aktar żmien minn hekk, għalhekk nistgħu ngħidu li wisq probabbli żżanżan fis-sena 1902 jew 1903 u għadu sal-lum isebbaħ il-Bażilika fil-granet solenni tal-festa ta' Marija Bambina.

ST. PHILIP CONFECTIONERY



Pjazza Francesco Zahra, Senglea • Mob: 7991 1594 Free Deliveries

***Fejn issibu selezzjoni vasta ta' Gâteaux u Pasti, Affarijiet tal-Friża, Ħobż u Ħalib Frisk u Affarijiet oħra.***

JAWGURAW IL-FESTA T-TAJBA LIS-SENGLEANI KOLLHA.

D'BREEZE

Eating Place

Omar Caruana

Tel: 27665110 Mobile: 79604567

Jawgura l-Festa T-Tajba
Lis-Sengleani Kollha